

Brussell, 13 ta' Mejju 2025  
(OR. en)

7978/1/25  
REV 1

EF 107  
ECOFIN 417  
DROIPEN 41  
COTER 54  
ENFOPOL 113  
CT 44

## NOTA PUNT "A"

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill  
lil: Kunsill  
fi: 8 ta' Mejju 2025

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/... ta' XXXX 2025 dwar il-ħatra ta' erba' membri full-time tal-Bord Eżekuttiv tal-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus - Adozzjoni

---

1. Fid-29 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni adottat lista ristretta ta' kandidati għall-ħatra tal-ħames membri full-time tal-Bord Eżekuttiv tal-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u għaddietha lill-Parlament Ewropew. Il-Kunsill ukoll ġie mgħarraf bil-lista ristretta.
2. Skont l-Artikolu 63(5) tar-Regolament (UE) 2024/1620, il-mandat tal-membri tal-Bord Eżekuttiv tal-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus għandu jkun ta' 4 snin.
3. Fil-11 ta' Marzu 2025, il-Bord Ġenerali tal-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus adotta proposta għall-ħatra tas-Sur Simonas KRÉPŠTA, is-Sa Rikke-Louise PETERSEN, is-Sur Marcus PLEYER, is-Sa Derville ROWLAND u s-Sur Juan Manuel VEGA SERRANO bħala membri tal-Bord u ppreżenta dik il-proposta lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni.
4. Il-Parlament Ewropew approva l-proposta fit-3 ta' April 2025.
5. Fit-30 ta' April 2025, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti stieden lill-Kunsill jadotta l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill kif jinsab fid-dokument ST 7981/25. Madankollu, fit-8 ta' Mejju 2025, is-Sur Marcus PLEYER irtira l-kandidatura tiegħu. Dan

iqajjem il-bżonn li tiġi riveduta d-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill biex jinħatru erba' membri tal-Bord Eżekuttiv tal-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus, minflok ħamsa.

6. Huwa għalhekk issuġġerit li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jistieden lill-Kunsill jadotta l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill kif jinsab fid-dokument ST 7981/REV1/25.